MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 336/2007

**Kunsill Lokali Marsaskala,**
**Joseph George Sant,**
**Paul Cutajar,**
**Lawrence sive Lorry De Raffaele u**
**b'digriet tal-14 ta' Marzu 2012 l-atti tal-kawza**
**gew trasfuzi f'isem Peter De Raffaele,**
**Stephen De Raffaele u martu Evelyn De Raffaele, u**
**dan wara l-mewt tal-attur Lawrence sive**
**Lorry De Raffaele fil-mori tal-kawza**

**vs**

**L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar,**
**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tat-23 ta' Marzu 2007 li jghid hekk:

1. Illi b'decizjoni tal-21 ta' Dicembru, 2006 il-Bord tal-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) approva l-full development application bin-numru 4607/06 maghmula mill-Waste Serv (Malta) Ltd ghad-demolizzjoni parzjali tal-impjant ezistenti tar-Riciklagg tal-Iskart f'Sant'Antnin, Marsaskala u ghat-titjib tal-facilita ezisti sabiex takkomoda material recovery facility, mechanical treatment plant, digestion plant u composting plant;

2. Illi fir-rigward ta' wiehed mir-rikorrenti, Paul Cutajar, minkejja li kien oggezzjonant skond il-ligi, iccahhadlu d-dritt illi jidhol fil-kamra fejn kienet qed issir is-seduta tal-21 ta' Dicembru, 2006 suiccitata bl-iskuza li ma kienx hemm post ghalih u kwindi iccahhadlu d-dritt illi jaghmel ir-rapprezentazzjonijiet tieghu u jinstema' b'mod xieraq;

3. Illi fir-rigward ta' wiehed mir-rikorrenti, Lawrence sive Lorry De Raffaele, minkejja li kien oggezzjonant skond il-ligi, dana lanqas biss kien avzat bis-seduta tal-21 ta' Dicembru, 2006 u kwindi iccahhadlu d-dritt illi jaghmel ir-rapprezentazzjonijiet tieghu u jinstema' b'mod xieraq;

4. Illi r-rikorrenti kollha, ilkoll oggezzjonanti, ma gewx mgharrfa bis-seduta tal-21 ta' Dicembru, 2006 skond kif tistipula l-ligi;

5. Illi l-interventi tar-rikorrenti kollha, ghajr tar-rikorrenti Paul Cutajar li ma ddahhalx fil-kamra u tar-rikorrenti Lawrence sive Lorry De Raffaele illi m'attendiex ghas-seduta ghaliex qatt ma kien infurmat biha, kienu limitati ghal tliet minuti biss irrispettivament mill-kontenut tal-interventi u kwindi bi ksur tal-principju tal-gustizzja naturali audi alteram partem;

6. Illi l-konsulent tekniku kien ghadu fil-pussess meta c-Chairman hesrem ghalaq il-laqgha minghajr diskussjoni;

7. Illi d-deputy Chairman tal-Bord tal-MEPA, il-Perit Catherine Galea, naqset milli tiddikjara l-konflitt ta' interess evidenti li hija kellha, kif se jigi spjegat fil-mori tal-kawza, u dana bi skur tal-Att dwar l-Izvilupp u bi ksur tal-

principju tal-gustizzja naturali nemo iudex in causa propria;

8. Illi d-Development Planning Application Report relevanti ghall-kaz de quo kien ghad-dispozizzjoni tar-rikorrenti 25 siegha biss qabel il-laqgha suiccitata, liema DPAR qatt ma gie notifikat lir-rikorrenti oggezzjonanti;

9. Illi l-pjanti sottomessi kienu differenti minn dawk prezentati originarjament u f'ebda moment ir-rikorrenti oggezzjonanti ma kienu mgharrfa bit-tibdil de quo u dana bi ksur tal-artikolu 32(5) tal-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp;

10. Illi l-pjanti sottomessi kienu invalidi stante li kienu bla skala jew bi skala ta' 1/1000 jew 1/500 li huma kkonsidrati bhala inaccettabbli;

11. Illi d-drawings sottomessi mal-applikazzjoni ma kienux kompatibbli mac-cirkulari MEPA 8/02;

12. Illi l-Bord kollu agixxa under direction stante li f'ebda moment ma kien hemm diskussjoni, mistoqsijiet jew dibattitu min-naha tal-Bord dwar l-applikazzjoni de quo u ma saret assolutament ebda deliberazzjoni qabel ma ttiehed il-vot mill-Bord;

13. Illi l-Bord ghalhekk injora kompletament numru ta' aspetti importanti, bhalma huma sahha, kwistjonijiet socjo-ekonomici, il-kwistjoni tas-siti alternattivi u kwistjonijiet relatati mat-teknologija li se tintuza liema aspetti kienu tqanqlu mill-oggezzjonanti waqt il-laqgha;

14. Illi l-Bord de quo ma kienx debitament kostitwit stante n-nuqqas ta' Segretarju tal-Bord;

Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tiddikjara illi nhar il-21 ta' Dicembru, 2006 fl-ghemil amministrattiv konsistenti fl-approvazzjoni tal-applikazzjoni numru 4607/06 l-Awtorita ta' Malta dwar l-

Ambjent u l-Ippjanar naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigijiet procedurali mandatorji fit-twettiq tal-ghemil amministrattiv de quo jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-ghemil bi skur tal-artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Limitatament ghar-rikorrenti Paul Cutajar tiddikjara li l-istess Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bl-ghemil amministrattiv taghha kisret il-Kostituzzjoni meta pprekludietlu d-dritt ghal smiegh xieraq quddiem tribunal indipendenti u imparzjali skond kif kristallizzat fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dana bi ksur tal-artikolu 469A(1)(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Limitatament ghar-rikorrenti Lawrence sive Lorry De Raffaele tiddikjara li l-istess Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bl-ghemil amministrattiv taghha kisret il-Kostituzzjoni meta pprekludietlu d-dritt ghal smigh xieraq quddiem tribunal indipendenti u imparzjali skond kif kristallizzat fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dana bi ksur tal-artikolu 469A(1)(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Tghaddi biex tiddikjara li ghar-ragunijiet suiccitati jew ghal uhud minnhom l-ghemil amministrattiv tal-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fl-approvazzjoni tal-applikazzjoni numru 4607/06 deciza mill-Bord tal-istess Awtorita nhar il-21 ta' Dicembru, 2006 huwa null, invalidu u minghajr effett;

B'riserva ghal kwalunkwe dritt ghal danni;

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittri ufficjali, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni;

Rat ir-risposta guramentata tal-Avukat Generali li tghid hekk:

Illi hu, fil-kwalita tieghu premessa, m'huwiex il-legittimu kuntradittur f'dan r-rikors, minhabba li hu ma ghandu ebda mansjoni taht l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp u

assolutament xejn ma hu qieghed jigi allegat jew pretiz fil-konfront tieghu fir-rikors odjern;

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-prerness l-artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili invokat mir-rikorrenti ma japplikax ghall-fattispeci tal-kaz odjem peress Ii l-mod ta' kontestazzjoni jew ksib ta' rimedju dwar l-att amministrattiv Ii qieghed jigi impunjat bir-rikors odjern hemm provdut dwaru fl-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp u dan ghat-tenur taI-artikolu 469A(4) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess il-Bord taI-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ma hux Qorti jew awtorita gudikanti ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civiIi u ghaIhekk l-artikolu 39 ta' Kostituzzjoni invokat mir-rikorrenti ma hux appIikabbIi ghall-fattispeci allegati;

Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, in kwantu ghall-fatti allegati mir-rikorrenti dwar l-andament tal-proceduri quddiern il-Bord imsemmi dawn ma humiex a konjizzjoni tal-esponenti Ii ma kellu ebda sehem fihom u ghalhekk jirriserva Ii jissolleva dawk I-eccezzjonijiet ulterjuri opportuni fir-rigward jekk ikun il-kaz wara li r-rikorrent jipproduci l-provi dwarhom;

SaIv eccezzjonijiet uIterjuri.

Rat ir-risposta guramentata tal-Awtorita ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament, il-provvedimenti tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta m'huwiex applikabbli ghall-kaz odjern stante illi a tenur tal-provvedimenti tal-artikolu 469A(4) ir-rikorrenti kellhom u ghandhom rimedju ordinarju biex jikkontestaw l-eghmil amministrattiv mertu tal-vertenza odjerna quddiem il-Bord taI-Appelli dwar I-Ippjanar, u dan kif ikkonfermat minn dina l-Onorabbli Qorti f'numru ta' decizjonijiet moghtija fuq dan l-artikolu.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikors tar-rikorrenti huwa daqstant iehor null u bla effett stante li ma sarx ukoll kontra l-applikant tal-applikazzjoni numnru 4607/06.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni invokat mir-rikorrent m'huwiex applikabbli ghall-kaz odjern stante illi l-Bord tal-Awtorita m'huwiex Qorti jew awtorita gudikanti li jaghti decizjonijiet dwar l-esistenza jew l-estenzjoni ta' drittijiet jew obbligi civili.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu, l-istess talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda u dan stante:

a. Il-procedura segwita mill-Bord tal-Awtorita matul is-seduta tal-21 ta' Dicembru 2006 kienet wahda korretta u in piena ottempranza mal-provvedimenti tal-artikoli 32(5) u 13(5) u l-artikoli l-ohra tal-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp;

b. L-allegazzjoni hekk kif kontenuta fil-paragrafu (7) tar-rikors hija wahda frivola u vessatorja, u stante illi m'hijiex sostanzjata, l-Awtorita esponenti tirriserva li tressaq dawk l-eccezzjonijiet xierqa u opportuni skond il-kaz;

c. Il-mod li bih l-Awtorita esponenti pprocessat l-applikazzjoni de quo kien skond il-provvedimenti tal-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp;

d. Is-sit de quo huwa diga munit b'permess outline (liema permess huwa suggett ta' appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar), liema permess stabilixxa l-uzu accettabbli ghas-sit de quo.

5. Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta ulterjuri tal-konvenut l-Avukat Generali li tghid hekk:

Illi r-rikorrenti m'ghandhomx l-interess guridiku sabiex jippromwovu r-rikors odjern stante illi fil-kaz tal-Kunsill rikorrenti, l-istess Kunsill qed jaqdi dmirijiet li qabel kienu fil-mansjoni tal-Gvern Centrali u cioe l-esponenti ta' din ir-risposta, kif ukoll l-intimati l-ohra kollha u ghalhekk mhux permess illi l-istess Kunsill rikorrenti jintavola procedura fil-konfront tal-istess Gvern Centrali li hu fl-ahhar mill-ahhar jaghmel parti integrali minnu u fil-kaz tal-esponenti l-ohra, m'ghandhomx jitqiesu bhala li ghandhom l-interess mehtieg mill-ligi sabiex jipprosegwixxu b'dan ir-rikors.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-eccezzjoni ulterjuri tal-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li tghid hekk:

1. In-nuqqas ta' interess guridiku tal-atturi f'dawn il-proceduri.

Rat li l-kawza fil-konfront tal-Avukat Generali giet ceduta b'verbal tal-10 ta' Lulju 2012;

Rat l-atti kollha u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghad-29 ta' Novembru 2012.

**Ikkunsidrat**

Bla dubbju ta' xejn din il-kawza hi mibnija madwar l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12, cioe impunjar ta' att amministrattiv f'dan il-kaz decizjoni tal-Bord tal-Awtorita ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-21 ta' Dicembru 2006 fejn approva 'full development application' numru 4607/06 maghmula minn Waste Serv Limited ghad-demolizzjoni parzjali tal-impjant ezistenti tar-riceklagg tal-

iskart f’Sant Antnin Marsaskala u titjib tal-facilita ezistenti biex takkommoda material recovery facility, mechanical treatment plant, digesting plant u composting plant.

L-atturi qed jilmentaw li l-Awtorita naqset milli tosserva l-principju ta’ gustizzja naturali jew htigijiet procedurali mandatorji fit-twettiq tal-ghemil amministrattiv jew id-debliberazzjonijiet ta’ qabel bi ksur tal-artikolu 469A(i)(b), (ii) tal-Kap. 12. Ir-ragunijiet mresqa bhala bazi ghal dan l-ilment huma s-segwenti:

Illi fir-rigward ta' wiehed mir-rikorrenti, Lawrence sive Lorry De Raffaele, minkejja li kien oggezzjonant skond il-ligi, dana lanqas biss kien avzat bis-seduta tal-21 ta' Dicembru, 2006 u kwindi iccahhadlu d-dritt illi jaghmel ir-rapprezentazzjonijiet tieghu u jinstema' b'mod xieraq;

Illi r-rikorrenti kollha, iIkoll oggezzjonanti, ma gewx mgharrfa bis-seduta tal-21 ta' Dicembru, 2006 skond kif tistipula I-ligi;

Illi I-interventi tar-rikorrenti kollha, ghajr tar-rikorrenti Paul Cutajar li ma ddahhalx fil-kamra u tar-rikorrenti Lawrence sive Lorry De Raffaele illi m'attendiex ghas-seduta ghaliex qatt ma kien infurmat biha, kienu limitati ghal tliet minuti biss irrispettivament mill-kontenut tal-interventi u kwindi bi ksur tal-principju tal-gustizzja naturali audi alteram partem;

Illi I-konsulent tekniku kien ghadu fil-pussess meta c-Chairman hesrem ghalaq il-Iaqgha minghajr diskussjoni;

Illi d-deputy Chairman tal-Bord tal-MEPA, iI-Perit Catherine Galea, naqset milli tiddikjara I-konflitt ta' interess evidenti li hija kellha, kif se jigi spjegat fil-mori tal-kawza, u dana bi skur taI-Att dwar I-Izvilupp u bi ksur tal-principju tal-gustizzja naturali nemo iudex in causa propria;

Illi d-Development Planning Application Report relevanti ghall-kaz de quo kien ghad-dispozizzjoni tar-rikorrenti 25

siegha biss qabel il-laqgha suiccitata, liema DPAR qatt ma gie notifikat lir-rikorrenti oggezzjonanti;

Illi l-pjanti sottomessi kienu differenti minn dawk prezentati originarjament u f'ebda moment ir-rikorrenti oggezzjonanti ma kienu mgharrfa bit-tibdil de quo u dana bi ksur tal-artikolu 32(5) tal-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp;

Illi l-pjanti sottomessi kienu invalidi stante li kienu bla skala jew bi skala ta' 1/1000 jew 1/500 li huma kkonsidrati bhala inaccettabbli;

Illi d-drawings sottomessi mal-applikazzjoni ma kienux kompatibbli mac-cirkulari MEPA 8/02;

Illi l-Bord kollu agixxa under direction stante li f'ebda moment ma kien hemm diskussjoni, mistoqsijiet jew dibattitu min-naha tal-Bord dwar l-applikazzjoni de quo u ma saret assolutament ebda deliberazzjoni qabel ma ttiehed il-vot mill-Bord;

Illi l-Bord ghalhekk injora kompletament numru ta' aspetti importanti, bhalma huma sahha, kwistjonijiet socjo-ekonomici, il-kwistjoni tas-siti alternattivi u kwistjonijiet relatati mat-teknologija li se tintuza liema aspetti kienu tqanqlu mill-oggezzjonanti waqt il-laqgha;

Illi l-Bord de quo ma kienx debitament kostitwit stante n-nuqqas ta' Segretarju tal-Bord.

L-attur Paul Cutajar jallega illi ghalkemm oggezzjonant skond il-ligi, iccahhadlu d-dritt li jidhol fil-kamra fejn kienet issir il-laqgha u ghalhekk ma setghax jaghmel ir-rapprezentazzjonijiet tieghu u jinghata smigh xieraq u dan kontra l-artikolu 469A(1)(a) li jiddikjara invalidu att amministrattiv li jmur kontra l-Kostituzzjoni.

L-attur Lawrence De Raffaele jallega li minkejja li kien oggezzjonant, lanqas gie avzat bis-seduta li kellha tinzamm fil-21 ta' Dicembru 2006 u dan ukoll bi ksur tal-artikolu 469(A)(1)(a) ghall-istess ragunijiet moghtija minn Paul Cutajar.

L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u Ippjanar resqet eccezzjonijiet ta' natura preliminari li jisthoqqilhom jigu mistharrga qabel ma jigi diskuss il-mertu tal-azzjoni.

Il-Qorti tqis li jkun gust li tistharreg l-ewwel eccezzjoni preliminari dwar in-nuqqas ta' interess guridiku u locus standi tal-Kunsill Lokali ta' Marsaskala u l-atturi l-ohra li tqajmet mill-Awtorita wara li l-Qorti indirizzat il-kwistjoni lil partijiet fis-seduta tat-23 ta' Awwissu 2012.

**Nuqqas ta' interess guridiku tal-Kunsill Lokali ta' Marsacala f'dawn il-proceduri**

Din l-eccezzjoni tressqet fl-ahhar stadju tal-kawza quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Kunsill Lokali Marsaskala vs Avukat Generali et deciza fit-28 ta' Gunju 2012. F'dik il-kawza l-Qorti qalet li din l-eccezzjoni imqajma fi stadju fejn gia kien hemm sentenza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-vesti Kostituzzjonali taghha kienet ammissibbli u ziedet illi llum ma hemmx dubbju li din l-eccezzjoni hi sollevabbli ex officio u dan fl-istregwa ta' diversi sentenzi fosthom **Anthony Bezzina noe vs Diretturi tal-Kuntratti et** (App. Civ. 27/03/2009) u ohrajn. Dik il-kawza, kif qalet l-istess Qorti Kostituzzjonali saret biex tigi impunjata fuq bazi kostituzzjonali l-indipendenza w imparzjalita tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, il-kompozizzjoni tieghu u l-finanzjarment tieghu, materji mhux vestiti fl-amministrazzjoni ta' Kunsill skond il-ligi. Ziedet l-istess Qorti illi skond l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea Kap. 319 persuna tfisser u tinkludi 'kull persuna fizika, organizazzjoni mhux governattiva jew grupp ta' individwi, liema tifsira tikkorispondi ma' dak li jipprovdi l-artikolu 34 tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti kkonkludiet in linea ma' dak deciz mill-Qorti Ewropea, illi awtoritajiwet decentralizzati tal-istat li jezercitaw funzjonijiet pubblici huma prekluzi milli jadixxu lil Qorti li kienu vittmi ta'lezjoni ta' dritt fundamentali taht il-Konvenzjoni in vista li ma jistghux jitqiesu bhala 'non governmental organisations'.

Dik il-kawza kienet wahda ta' natura kostituzzjonali cioe dwar drittijiet fundamentali fejn il-Qorti Kostituzzjonli

irriteniet illi ikun assurd li l-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni “cioe l-istrument li jahseb ghall-organizazzjoni tal-istat u li jvesti lill-istat bis-setghet kollha necessarji ghat-twettieq tas-sovranita tieghu seta’ kien intiz biex jaghti lill-istat harsien mill-ghemil tieghu stess”. Bla dubju Kunsill Lokali hu estensjoni tal-istat bi drittijiet u obbligi li jamministra lokalitajiet fl-istess istat skond ma tipprovdi l-ligi.

Pero fil-kaz li hawn quddiem il-Qorti ma hu qed jigi invokat ebda ksur ta’ dritt kostituzzjonali da parti tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill Lokali qed jattakka ghemil amministrattiv tal-Awtorita tal-Ippjanar ghal ragunijiet procedurali u sostantivi u ghax ma gewx segwiti principji ta’ gustizzja naturali fid-deliberazzjonijiet qabel ma l-Bord tal-Awtorita ha decizjoni fuq applikazzjoni pendenti quddiemu.

Ghalhekk l-ezami tal-Qorti ma jridx ikun limitat ghal tifsira u ragunament li ghamlet il-Qorti Kostituzzjonali li kellha quddiemha biss kwistjoni ta’ natura kostituzzjonali rigwardanti drittijiet tal-bniedem. Il-kwistjoni quddiem din il-Qorti hi jekk il-Kunsill Lokali ghandux il-poter li jharrek Awtorita ghal allegat lezjonijiet procedurali jew sostantivi fil-hrug ta’ permess ghal bini fil-lokalita li jaghmel parti mill-amministrazzjoni mhollija f’idejn l-istess Kunsill u dan a abazi tal-artikolu 469A tal-Kap. 12. Ir-risposta trid tigi mill-ligi stess li tirregola l-Kunsill Lokali, cioe l-Kapitolu 363 tal-Ligijiet ta’ Malta cioe l-Kapitolu li kien jirregola lil partijiet fi zmien li nqalghu l-kwistjonijiet li waslu ghal kawza prezenti.

L-artikolu 33(1) tal-Kap. 363 jistipula l-funzjonijiet li ghandu Kunsill Lokali u dan bla hsara ghal dispozizzjonijiet ta’ kull ligi ohra. L-artikolu 33(1) ma jaghti ebda poter lil Kunsill fi kwistjonijiet ta’ ippjanar bhal din in kwistjoni pero harsa lejn l-artikolu relevanti tal-Kapitolu 356 cioe dwar id-Development Planning u li kien jirregola proceduri quddiem il-Bord tal-Appelli minn decizjonijiet tal-Awtorita cioe l-artikolu 15(1) jghid fis-subinciz (d)(iii) illi Kunsill Lokali, fil-lokalita fejn ikun ser isir zvilupp hu terz interessat jekk l-istess Kunsill ikun ottempera ruhu mal-artikolu 32(5) cioe li jkun ikkwalifika bhala oggezzjonant registrat u qed jagixxi f’isem il-lokalita. Fost l-obbligi tal-

Bord tal-Appell hemm dik li jisma appelli minn terzi interessati fuq kull kwistjoni ta’ zvilupp [15(1)(d)] cioe f’dak iz-zmien li jkun registered objector.

Ghall-kompletezza illum il-Kapitolu 504 li jirregola l-Awtorita tal-Ippjanar fl-artikolu 41(1)(c)(iii) ighid hekk dwar il-gurisdizzjoni tat-Tribunal tal-Appelli minn decizjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar u cioe li ghandu dritt li jisma’ appell minn:
41(1)(c) persuni interessati minn deċiżjoni tal-Awtorità dwar kull ħaġa ta’ kontroll tal-iżvilupp, b’dan illi:

(iii) kunsill lokali li fil-lokalità tiegħu jkun qed jiġi propost li jsir l-iżvilupp għandu dejjem jitqies għall-fini u għall-effetti kollha tal-liġi li huwa terza persuna interessata basta li dak il-kunsill ikun għamel sottomissjonijiet bil-miktub skond l-artikolu 68(4) u li jaġixxi fl-interess tal-lokalità,

Bla dubbju dan l-artikolu specifiku kemm fil-Kap. 356 kif kien fi zmien ta’ din il-kawza u fil-Kap. 504 kif inhu illum jaghti dritt dirett lill-Kunsill Lokali li jintervjeni qua persuna interresata biex igib il-quddiem il-lajanzi tieghu quddiem il-Bord tal-Appell, dejjem jekk juri li ottempra ruhu mal-kondizzjonijiet imposti fl-imsemmi artikolu riportat aktar il-fuq.

Ma hemmx dubbju ghalhekk f’din il-materja specifka illi l-Kunsill Lokali ghandu locus standi u interess guridiku f’isem il-komunita li jirraprezenta u li jaghmel ir-rapprezentazzjoni tieghu quddiem il-Bord tal-Appelli minn decizjoni tal-Awtorita dwar zvilupp ppjanat u approvat li jsehh fil-lokalita rapprezentata mill-imsemmi Kunsill.

Isegwi ghalhekk illi l-Kunsill ghandu d-drittijiet kollha bhal kull persuna ohra intitolata taghmel rapprezentazzjonijiet quddiem il-Bord tal-Appelli li ghandha funzjoni quasi gudizjarja u li tinghata d-drittijiet bazici li ghandhom jigu segwiti fil-konfront tieghu fosthom il-principju ta’ gustizja naturali, u li ghalhekk jikkonsegwi b’mod naturali illi jekk dawn id-drittijiet jonqsu jew kif inhu qed jigi allegat f’dan il-kaz, il-proceduri ma gewx segwiti, l-istess Kunsill ikollu dritt shih li jitlob lil Qorti biex tinvestiga n-nuqqas

amministrattiv taht l-artikolu 469A(i)(b)(iii) kif qed jigi mitlub mill-Kunsill Lokali f'din l-istanza.

Billi jirrizulta mill-atti li l-Kunsill ottempera ruhu mad-dispost tal-artikolu 68(4) tal-Kap. 504 biex ressaq l-ilmenti tieghu quddiem it-Tribunal tal-Appell apparti li kien ottempera ruhu fil-fazi fejn kien irregistrat bhala oggezzjonant quddiem il-Bord tal-Awtorita, u l-atti juru li l-interess tal-Kunsill hu interess komunitarju kontra zvilupp fil-lokalita tieghu, liema zvilupp qed jigi allegat hu ta' hsara ghall-istess komunita, il-Qorti tqis illi l-Kunsill Lokali ghandi d-debitu interess guridiku u locus standi f'dawn il-proceduri.

Ghalhekk l-eccezzjoni tal-Awtorita ghandha tigi michuda.

**Interess guridiku fl-azzjoni da parti tal-attur Lawrence De Raffaele**

Il-Qorti qajmet din il-kwistjoni mil-partijiet flimkien mal-kwistjoni fuq l-istess punt legali fil-konfront tal-Kunsill Lokali Marsaskala. Lawrence De Raffaele qed jikkontendi illi l-Awtorita kisret il-Kostituzzjoni fil-konfront tieghu fis-seduta tal-21 ta' Dicembru 2006 meta kien qed jigi diskuss il-full development permit 4607/06 u dan peress li bhala registered objector ma giex avzat bis-seduta tal-21 ta' Dicembru 2006. Harsa lejn l-atti pero ma jurux illi Lawrence De Raffaele kien registered objector f'ismu proprju. Din hi prova li trid issir minnu biex juri x'interess dirett u attwali kellu biex jmexxi 'l quddiem dawn il-proceduri. L-oggezzjoni ghall-full development permit saret f'ittra tal-14 ta' Awwissu 2006 (ara fol. 1366 vol. V tal-process). F'din l-ittra jidher l-isem ta' Lorry De Raffaele fost ohrajn indikati bhala membri tal-Kumitat kontra l-Impjant ghar-Reciklagg, li s-segretarju tieghu hu l-attur l-iehor Joseph Sant. Ma rrizultax illi Lorry De Raffaele qed jidher f'ismu proprju fl-ambitu tal-oggezzjoni mqajma u li taghti lok ghad-dritt li jigi registrat bhala objector ufficjali bid-dritt li mhux biss jippartecipa izda li jappella quddiem it-Tribunal tal-Appelli. Hi l-kontenzjoni tal-atturi illi Lorry De Raffaele kien ukoll registrat bhala individual objector. Fuq din il-kwistjoni hemm ftit konfuzjoni. Filwaqt illi l-MEPA

tammetti li kien 317 objections li l-oggezzjoni taghhom iddahlet fit-28 ta' Awwissu 2006 (entro t-terminu tal-ligi billi l-ahhar jum cioe s-27 ta' Awwissu 2006 kienet vakanza pubblika) kif jidher mill-e-mail a fol. 1365 tal-process, pero ghal xi raguni l-lista f'idejn il-MEPA hi ta' 162-il persuna u fosthom ma jidhirx Lawrence De Raffaele ghalkemm tidher martu Evelyn u ibnu Peter. Jidher li dawn l-oggezzjonijiet iddahhlu f'salt u inghatat acknowledgement wahda ghal kulhadd (ara e-mail fol. 1365).

B'danakollu l-attur Lawrence De Raffaele ma gab ebda prova cara, kif kien obbligat li jaghmel li hu kien registered objector f'ismu personalment. Ma giet esebita ebda kopja tal-objection tieghu jew prova ohra li tikkonvinci lil din il-Qorti illi hu fil-fatt irregistra oggezzjoni personalment. Inoltre gie verbalizzat fis-seduta tat-23 ta' Awwissu 2012 li Lorry De Raffaele ma appellax mid-decizjoni tal-Awtorita. Ghalkemm kif inghad jidher li l-Awtorita irregistrat 162 persuna mit-317 individual objectors pero l-prova li Lorry De Raffaele kien wiehed mill-objectors trid issir minnu u mhux tirrizulta minn prova negattiva fis-sens li kien hemm wiehed minn dawk mhux indikati fil-lista tal-Awtorita. F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk jonqos l-element tal-interess dirett tieghu f'din l-azzjoni mressqa minnu minhabba nuqqasijiet allegatament kommessi quddiem l-Awtorita fis-seduta pubblika tal-21 ta' Dicembru 2006. Ghalhekk qed tintlaqa' l-eccezzjoni tal-Awtorita fil-konfront tieghu.

**Interess guridiku fl-azzjoni da parti tal-attur Joseph Sant**

Dak li nghad fil-konfront ta' Lawrence De Raffaele japplika wkoll prima facie ghal Joseph Sant f'ismu personalment kif jidher li agixxa f'din il-kawza. L-atti juru illi hu gie notifikat bhala Segretarju tal-Kumitat kontra l-Impjant ghar-Reciklagg biss u mhux personalment u ma ngiebet ebda prova li turi mod iehor. Ghalhekk bhal fil-kaz ta' Lawrence De Raffaele, Joseph Sant ma wera ebda interess dirett personalment li jippromuovi din l-azzjoni fuq lanjanzi li sehhu fis-seduta quddiem l-Awtorita fil-21 ta'

Dicembru 2006 u fejn hu personalment ma jidhirx li kellu sehem dirett qua oggezzjonant skond il-ligi.

Pero jirrizulta bhala fatt illi Joseph Sant appella mid-decizjoni tal-Bord tal-Awtorita f'ismu personalment kif jidher mill-kopja tar-rikors tal-appell quddiem it-Tribunal tal-Appelli pprezentat quddiem din il-Qorti fit-23 ta' Awwissu 2012.

Il-Qorti hi rinfaccjata ghalhekk bil-kwistjoni dwar ir-raguni li ghaliha Joseph Sant personalment thalla jappella minn decizjoni tal-Bord tal-Awtorita li ma jidhirx li kien oggezzjonant f'dawk il-proceduri. Ghalkemm ir-ragunijiet ghal mod kif sar l-appell quddiem il-Bord tal-Appelli strettament ma jorbtux lil din il-Qorti, madankollu l-Qorti thoss li fl-interess tal-gustizzja l-locus standi ta' Joseph Sant, anki jekk ferm dibattibbli quddiem il-Bord tal-Awtorita giet sanata jew addrizzata quddiem it-Tribunal tal-Appelli u ghal din ir-raguni l-Qorti tqis li ghandha tqis lil Joseph Sant personalment bhala persuna interessata skond il-ligi f'dawn il-proceduri odjerni.

**Locus standi u interess guridiku ta' Paul Cutajar**

L-atti juru illi Paul Cutajar gie notifikat qua oggezzjonant kemm personalment u bhala segretarju tal-Front kontra l-Impjant, pero la hu personalment u lanqas f'isem il-Front ma appella quddiem it-Tribunal tal-Appelli. Paul Cutajar jixhed li hu kellu lmenti ghal dak li sehh quddiem il-Bord tal-Awtorita fejn ma thalliex jippartecipa kif imiss anzi lanqas thalla jidhol ghas-seduta. Kwindi hu ghandu interess guridiku f'dawn il-proceduri odjerni u ghalhekk anki locus standi.

**Eccezzjoni ta' rimedji ohra taht l-artikolu 469A(4) tal-Kap. 12**

L-Awtorita konvenuta qed issostni li l-atturi kellhom jew ghandhom rimedji ohra disponibbli u qed juzufruixxu ruhhom minn proceduri li taghti l-ligi stess biex jiehdu r-rimedju identici li qed jitolbu b'din il-kawza. Isostnu li ladarba huma proceduri ta' kontestazzjoni jew ta' rimedju

li jista' jittiehed taht ligi ad hoc, allura din il-Qorti ma ghandhiex tapplika l-artikolu 469A.

Il-Qorti kellha okkazjoni tiddelibera bis-shih din il-kwistjoni. Fil-kawza James Calleja et vs Awtorita tal-Ippjanar il-Qorti deciza 7 ta' Marzu 2002 qalet hekk:
Illi l-eccezzjoni taht ezami hija msejsa fuq in-nuqqas tal-gurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati fejn il-mod tal-kontestazzjoni jew fejn il-ksib tar-rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jigi provdut dwaru f'xi ligi ohra[1]. Din il-limitazzjoni tikkostitwixxi eccezzjoni ghar-regola generali tal-artikolu 469A li bih il-Qrati ghandhom is-setgha li jistharrgu atti ta' ghamil amministrattiv;

Illi dwar l-effett li l-artikolu 469A ghandu fuq is-setgha tal-Qrati li jistharrgu eghmejjel amministrattivi, irid jinghad li din id-dispozizzjoni tal-ligi wessghet sewwa l-parametri li fihom huwa possibbli li ghamil amministrattiv jigi ezaminat. Dan sar b'zieda ma' dik il-gurisdizzjoni li l-Qrati kienu qiesu li ghandhom sa minn qabel ma dahal-1981 u, eventwalment l-artikolu 469A fl-1995, rigward ksur ta' regoli ta' haqq naturali jew ksur ta' ligi fit-tehid ta' xi decizjoni jew ghamil minn awtorita'. Dan ifisser li, biex ghamil amministrattiv ikun jista' jigi mistharreg minn Qorti, irid ikun jirrigwarda att li jikkostitwixxi decizjoni minn awtorita' pubblika[2]. L-att decizjonali jista' jkun wiehed fejn tittiehed decizjoni li tilqa' talba, daqskemm jista' jkun wiehed fejn tigi rifjutata t-talba[3];

Illi, ladarba l-artikolu 469A(4) huwa eccezzjoni ghar-regola li l-Qrati ghandhom gurisdizzjoni, jehtieg li jigi mfisser f'sens dejjaq kemm jista' jkun bla ma jgib fix-xejn l-ghan li ghalih il-legislatur dahhal din l-ghamla ta' azzjoni fil-procedura lokali. Kif diga' nghad mill-Qrati taghna, l-eskluzjoni tal-gurisdizzjoni tal-Qrati li jistharrgu ghamil amministrativ ghandha tkun gustifikata biss jekk il-Qorti tkun soddisfatta li, fil-prattika, persuna kellha rimedju

---

[1] Art. 469A (4) tal-Kap12
[2] App. Civ. **5.10.1998** fil-kawza fl-ismijiet ***J. Galea vs Kmandant tat-Task Force et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.541**)
[3] Ara t-tifsira ta' "*ghemil amministrattiv*" fl-art. 469A (2) tal-Kap 12

effikaci u xieraq disponibbli ghaliha u hija naqset li tirrikorri lejh bla raguni tajba[4];

Illi l-atturi jargumentaw li l-fatt li huma irrikorrew ghall-appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Izvilupp ma jitfix il-jedd taghhom li jitolbu l-harsien tal-Qorti biex tistharreg l-ghamil amministrativ tal-Awtorita’ tal-Ippjanar dwar ix-xilja taghhom lejha. Dan huwa minnu biss sa certu punt: ladarba l-atturi ghazlu li jezercitaw dak irrimedju tal-appell “intern” provdut lilhom mil-ligi specjali, u ladarba ma ntweriex li dik il-procedura hija ineffikaci, il-Qorti ma tistax ma taqbilx mas-sottomissjoni maghmula mill-Awtorita’ mharrka fis-sens li, sakemm ghadu miexi dak il-process tal-appell, ma jistax jinghad li dak l-ghamil gie kompletat. U ghalhekk, sakemm il-Bord ma jkunx iddispona mill-appell, il-gurisdizzjoni tal-Qorti li tissindikah ma tistax tigi invokata.

Bhal fil-kaz ta’ kull korp kwazi-gudizzjarju iehor imwaqqaf bi jew taht is-setgha ta’ ligi specjali, dawn il-Qrati jkollhom dejjem is-setgha tal-gurisdizzjoni ordinarja tal-istharrig, wara li jkun intemm il-procediment quddiem dak il-korp, jekk ikun il-kaz. Jekk dan il-principju japplika wkoll fejn il-ligi specjali tiprovdi li ma jkunx hemm appell minn decizjoni ta’ tali korp[5], kemm ghandu ghaliex japplika izjed meta f’dan il-kaz il-ligi taghti jedd ta’ appell lill-Qrati ordinajri minn decizjoni tal-Bord;

Inoltre fl-Appell Superjuri deciz fit-8 ta’ Mejju 2003 fl-ismijiet Pietru Pawl Borg vs Awtorita tal-Ippjanar il-Qorti qalet hekk:
L-eccezzjoni preliminari ta’ l-appellanti Awtorita’ ta’ l-Ippjanar, dwar in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji li jisimghu u jiddeciedu l-mertu tal-kawza odjerna, hija evidentement bazata fuq dan ir-raba’ subartikolu tal-artikolu 469A. Dan is-subartikolu effettivament jillimita l-gurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji ta’ kompetenza civili biex jistharrgu l-validta` ta’ xi ghemil amministrattiv ghal kazijiet fejn ma jkunx provdut b’xi ligi partikolari mod iehor ta’ kontestazzjoni jew mod iehor li bis-sahha

[4] App. Civ. **6.5.1998** fil-kawza fl-ismijiet ***Bunker Fuel Oil Company Ltd. vs Paul Gauci et***
[5] Per ezempju, l-Kap 266

tieghu jkun possibli l-ksib ta' rimedju effettiv quddiem xi tribunal specjali jew Qorti li l-istess ligi tkun hasbet ghalih.

Issa, fil-kaz odjern huwa fatt notorju li hemm ligi specjali li tirregola l-hrug tal-permessi tal-izvilupp, ezattament l-Att Nru 1 tal-1992, li inter alia ikkrejat makkinarju u proceduri ad hoc biex wiehed ikun jista' jikkontesta xi decizjoni u jew xi ghemil amministrattiv tal-Awtorita` tal-Ippjanar li bihom wiehed ikun qed ihossu li gie aggravat. Issir riferenza hawn, partikolarment ghat-tribunal independenti, cioe` l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, imwaqqaf bis-sahha tal-Artikolu 14 tal-imsemmi Att tal-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp. Dan il-Bord inghata, inter alia, il-gurisdizzjoni specifika li jisma u jiddeciedi appelli maghmulha minn min ikun ihossu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` tal-Ippjanar dwar kull haga ta' kontroll ta' zvilupp, inkluz it-twettiq ta' dak il-kontroll. L-Artikolu 15 jipprovdi wkoll li d-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali, hlief dwar punti ta' dritt decizi mill-istess Bord li minnhom inghata dritt ta' appell lil din il-Qorti ta' l-Appell.

F'dan il-kaz hu bil-wisq evidenti illi l-lanjanzi f'din il-kawza tal-Kunsill Lokali Marsaskala, u Joseph Sant personalment u Paul Cutajar personalment li kien oggezzjonant registrat f'ismu u bhala Segretarju tal-Front kontra l-Impjant ghar-Reciklagg li pero ma appellax mid-decizjoni tal-Bord bhaz-zewg atturi l-ohra huma identici ghal dawk mehuda mill-istess Kunsill Lokali Marsaskala u Joseph Sant quddiem il-Bord tal-Appelli wara d-decizjoni tal-Awtorita li minnha l-atturi qed jilmentaw. It-talbiet f'din l-istanza huma tali li t-Tribunal tal-Appelli ghandu gurisdizzjoni jinvestiga u jiddeciedi dwarhom b'mod li l-atturi jistghu jinghataw f'dawk il-proceduri r-rimedju mitlub minnhom f'din l-istanza billi l-istess Tribunal ghandu gurisdizzjoni jiddeciedi fuq kull ilment. Ara f'dan is-sens artikolu 15(1)(d) u 15(1)(d)(i) tal-Kap. 356. Mhux hekk biss izda anki f'kaz ta' decizjoni sfavorevoli l-atturi ghandhom rimedju li jikkonsisti f'appell quddiem il-Qorti tal-Appel fuq punti ta' ligi. Hu car illi l-aggravji kienu kollha marbuta ma punti ta' ligi procedurali u sostantiva. Jirrizulta illi l-ilment

quddiem it-Tribunal tal-Appelli ghadu pendenti minhabba kwistjonijiet ta’ indoli kostituzzjonali mehuda mill-Kunsill Lokali ta’ Marsaskala li tressqu fil-mori ta’ dawk il-proceduri, liema proceduri issa intemmu bid-decizjoni fuq riferita fit-28 ta’ Gunju 2012 u ghalhekk il-proceduri quddiem it-Tribunal tal-Appelli qeghdin jitkomplew billi d-decizjoni kostituzzjonali ma affettwatx il-proceduri quddiem it-Tribunal tal-Appelli.

L-atturi jilmentaw illi fiz-zmien li ntavolaw din il-kawza ma kellhomx rimedju iehor adegwat disponibbli billi t-Tribunal tal-Appelli ma kienx kostitwit b’mod imparzjali w indipendenti. Tali sottomissjoni mressqa fil-kawza kostituzzjonali izda deciza fuq binarju u kunsiderazzjonijet legali ohra tmur lil hinn minn dik li jrid jigi deciz f’din il-kawza billi l-azzjoni odjerna hi intiza ghal-operat tal-Bord tal-MEPA u mhux il-Bord tal-Appelli u semmai tali lanjanza ghandha tigi indirizzata b’azzjoni ad hoc. Sakemm ma jigix deciz mod iehor ma hemm xejn fl-atti li juri li r-rimedju li jista’ jaghti t-Tribunal tal-Appelli mill-operat tal-Bord tal-MEPA attakkat f’din il-istanza mhux ser ikun effettiv u adegwat. Kif inghad diga l-lanjanzi mressqa mill-atturi f’din il-kawza jinsabu ripetuti fil-proceduri quddiem it-Tribunal tal-Appelli li ghandu s-setgha bil-ligi jiddeciedi fuq dawn il-lanjanzi, u wara, anki quddiem il-Qorti tal-Appell fuq punt ta’ ligi.

Il-Qorti izzied illi mill-atti processwali jirrizulta illi l-proceduri fuq l-istess mertu kienu u ghadhom mixjin quddiem dan it-Tribunal tal-Appelli. Ara verbali tal-2009 u 2012 tat-Tribunal a fol. 1468, 1470 u 1527 tal-process. Ghalhekk mhux korretti l-atturi li jallegaw fin-nota ta’ sottomissjonijiet li meta saret il-kawza, ma kellhomx rimedju ghax ir-rimedju kien u ghadu hemm tant li l-atturi jew ahjar uhud minnhom ghadhom qed jippartecipaw fihom u jippruvaw jiehdu l-istess rimedju li qed jintalab minn din il-Qorti.

Fic-cirkostanzi din il-Qorti tqis li s-sitwazzjoni fattwali hi tali skond il-gurisprudenza pervalenti li ma tistax tezercita d-diskrezzjoni taghha u tinvestiga l-ilment tal-atturi a bazi tal-artikolu 469A u dan peress illi josta ghalih id-dispost

tal-artikolu 469(4). Ghalhekk il-Qorti tilqa din l-eccezzjoni tal-Awtorita. Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Joseph Muscat et vs Chairman tal-Awtorita tad-Djar**, deciza in parte mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Jannar 2004:
"Fil-fehma tal-Qorti, dan is-subartikolu (4) ta' l-Artikolu 469A, biex jigi interpretat gustament, m'ghandhux jinghata interpretazzjoni restrittiva. L-eskluzjoni tal-gurisdizzjoni tal-Qorti, biex tistharreg l-ghemil amministrattiv, tkun gustifikata biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta li, fil-prattika, persuna kellha rimedju effikaci u adegwat verament disponibbli ghaliha u hija irragonevolment ma utilizzatx tali proceduri disponibbli";

Dan l-ahhar insenjament japplika partikolarment ghal Paul Cutajar li ghazel li ma jappellax mid-decizjoni tal-Bord tal-Awtorita u anki ghal Lawrence De Raffaele u l-avanti causa tieghu dato non concesso li fil-fatt kien oggezzjonant quddiem il-Bord tal-Awtorita u bi svista ismu ma kienx inkluz fil-lista tal-MEPA qua oggezzjonant registrat.

Din il-Qorti izzid ma' din is-sentenza illi l-gurisdizzjoni tal-Qorti hi eskluza fejn il-persuna tkun gia qed tuza proceduri disponsibbli ghall-istharrig tal-ghemil amministrattiv kif qed juzufruixxu ruhhom Joseph Sant u l-Kunsill Lokali Marsaskala.

L-atturi naqsu li juru b'mod konkret illi l-proceduri pendenti quddiem it-Tribunal tal-Appelli, ma humiex ser jaghtuhom, b'mod oggettiv, rimedju effikaci u adegwat kif mitlub u li ghal din ir-raguni huma kellhom iressqu t-talbiet taghhom quddiem il-Qorti. Lanqas ma hu minnu illi d-dritt ta' access ghal Qrati hu limitat jew addirittura eskluz bl-artikolu 469A u l-applikazzjoni tieghu.

Fl-ewwel lok ma hemm ebda ksur ta' dritt ghal access ghal Qrati semplicement ghaliex appell minn Tribunal Amministrattiv isir biss fuq punt ta' dritt. L-istat ghandu d-dritt li jirregola l-limiti tal-access ghal Qrati sakemm l-ghan ikun legittimu u hemm proporzjonalita fil-mizuri adoperati biex jintlahaq bilanc adegwat bejn il-bzonnijiet tal-komunita u tac-cittadin. F'dan il-kaz id-dritt ta' access ghal

Qrati mhux qed jigi eskluz izda qed jigi limitat ghal kwistjonijiet ta’ dritt <u>wara li d-decizjoni ta’ enti amministrattiva jghaddi mill-gharbiel ta’ Tribunal revizur amministrattiv fuq il-mertu kollu</u>. Id-diskrezzjoni amministrattiva ghalkemm ghandha jkollha l-limiti izda ma ghandhiex tigi struttifikata jew resa ineffikaci. Dan hu l-bilanc li ghandu u qed jinholoq fil-kaz in kwistjoni bid-dritt tal-appell ghal Qrati limitati fuq punt ta’ dritt. Kwindi l-lanjanzi imressqa mill-atturi in kwantu r-rimedju u l-effikacja tieghu fl-ambitu ta’ dak deciz fil-Bord tal-Awtorita ma jisthoqqilhomx jigu milqugha u ghandha tintlaqa’ l-eccezzjoni illi l-atturi ghandhom rimedji ohra effikaci skond il-ligi biex jiehdu s-sodisfazzjoni ghall-ilmenti allegati minnhom, kif fil-fatt jirrizulta li qed imexxuhom bil-proceduri quddiem it-Tribunal tal-Appelli mid-decizjoni tal-Bord tal-MEPA.

Minhabba f’hekk din il-Qorti ma tqis li ghandha tezamina l-eccezzjonijiet l-ohra tal-Awtorita u t-talbiet attrici fil-mertu.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tiddikjara li l-Kunsill Lokali Marsaskala, Joseph Sant u Paul Cutajar qua oggezzjonanti quddiem il-Bord tal-Awtorita ghandhom interess guridiku u locus standi f’dawn il-proceduri, filwaqt li tiddikjara illi jonqos l-interess guridiku fl-attur Lorry De Raffaele personalment u ghalhekk tillibera lill-Awtorita konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront tieghu billi lanqas irrizulta li kien oggezzjonant. Inoltre tilqa’ l-eccezzjoni tal-Awtorita konvenuta fil-konfront tal-atturi kollha l-ohra li din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni a bazi tal-artikolu 469(4) tal-Kap. 12 li tiddeciedi l-mertu involut fil-kawza odjerna billi fil-kaz tal-attur Paul Cutajar kellu rimedji ohra effettivi disponibbli quddiem it-Tribunal tal-Appelli appozitament kostitwit u naqas li juzahom u fil-kaz tal-Kunsill Lokali ta’ Marsaskala u Joseph Sant ghandhom u qed jutilizzaw ir-rimedji ta’ appell provdut specifikatament bil-ligi quddiem it-Tribunal tal-Appelli wara d-decizjoni tal-Bord tal-Awtorita u ghalhekk qed tillibera lill-Awtorita konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront taghhom kollha.

Bl-ispejjez jithallsu mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------